# Mro Carmelo Brincat (1896 - 1968)

*F'għeluq il-50 sena mill-mewt tiegħu*



Carmelo Brincat twieled f'Birkirkara fil-21 ta' Novembru 1896. Carmelo beda jitgħallem il-mużika mal-Banda Duke of Connaught's Own taħt is-Surmastrijiet Francesco Xuereb u Vincenzo Costa. Ta' tmintax-il sena kien diġà solista bl-ewfonju mal-Baned King's Own u La Vallette tal-Belt Valletta kif ukoll mal-Banda tal-King's Own Malta Regiment. Carmelo tgħallem l-armonija għand il-magħruf Surmast Ġużeppi Abdilla.

Fl-24 ta' Lulju 1917 Carmelo żżewweġ lil Carmela née Galea u kellhom tlettax-il wild. Meta emigra lejn l-Amerika, Mro Carmelo Brincat kien jaħdem mad-ditta Ford Motors u kien idoqq mal-banda ta' din il-kumpanija. Lura Malta fl-1921 daħal fil-korp tal-Pulizija bħala bandist mal-banda tal-Korp fejn serva għal 35 sena. Fit-3 ta' Frar 1939, wara tmintax-il sena fil-Korp tal-Pulizija, ġie maħtur Surmast Direttur tal-Banda tal-istess Korp b'rank ta' Surmast Maġġur, u li huwa dam imexxi għal aktar minn sbatax-il sena.

Barra minn marċi funebri u marċi brijużi, Mro Brincat huwa l-kompożitur ta' erba' sinfoniji kbar Armistice Day, 11 November 1918, The Siege of Malta, u Preludio Sinfonico. Brincat kiteb ukoll żewġ intermezzi, Return of Peace u Intermezzo con Romanza, kif ukoll l-kompożizzjoni Meditation. F'konkors internazzjonali tal-mużika li sar f'Salerno, l-Italja fl-1924, is-sinfoniji mill-pinna ta' Mro Brincat Armistice Day u Intermezzo con Romanza rebħu żewġ premjijiet, il-Gran Diploma d'Onore u żewġ slaleb tad-deheb. L-isem tal-kompożitur kien imxandar con lode u l-Association de Compositeurs et Editeurs ta' Pariġi awguratlu għall-kwalità tal-kompożizzjonijiet tiegħu. Fl-1927, Mro Brincat ikkompona Innu Popolari għall-Kungress

Ewkaristiku f'Kartaġni, it-Tuneżija. F'Settembru tal-1956 is-sinfonija The Siege of Malta ġiet imxandra erba' darbiet wara xulxin f'ġimgħa waħda fil-programm mxandar mill-BBC "Tribute to Malta". Brincat ikkompona wkoll Innu lil San Pawl fuq versi ta' Dun Frans Camilleri, b'sopran u b'baritonu. Kiteb ukoll Innu lil San Filep ta' Aġira għal sopran, tenur, kor u banda, fuq versi ta' Philip Chircop għal Banda 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ.

Fis-sena 1956 Mro Carmel Brincat ġie magħżul sabiex imexxi lill-Banda Duke of Connaught's Own. Ma' din il-banda Mro Brincat mexxa diversi kunċerti u kkompona diversi marċi, flimkien mal-Innu tal-Banda li kkompona fl-okkażjoni tal-mitt anniversarju ta' din is-soċjetà fl-1965 fuq kliem tas-Sur George Portelli, liema innu għadu jindaqq sal-lum. Mro Carmelo Brincat dam Surmast Direttur tal-Banda Duke of Connaught's Own sakemm miet fit-3 ta' Jannar 1968. Mro Brincat ġie midfun fil-kannierja tal-Kolleġġjata Bażilika ta' Santa Liena. Is-Surmast Brincat kellu 11-il tifel u tifla li minnhom kien hemm diversi li jdoqqu xi strument, imma l-aktar li kompla miexi fuq il-passi ta' missieru kien Emmanuel li eventwalment kien is-suċċessur tiegħu bħala Surmast Direttur tal- Banda Duke of Connaught's Own.

*(meħud mill-Ktieb "150 Sena Banda – Patrimonju Karkariż, Trawwim Mużikali, Kult Elenjan)*